30 ta' Ottubru, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Rita Charker *versus* Charles Brincat

**Lokazzjoni — Mara — Domiċilju — Żwieġ — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Separazzjoni Personali — Mandat — Rappreżentanza Ġudizzjarja — Kera Eċċessiv — Rifużjoni — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 1360 u 1967 (2) tal-Kodiċi Ċivili, u art. 784 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Married Women's Property Act, 1882.**

*Il-mara għandha l-istess domiċilju ta' żewġha, anki fil-każ li hija tkun separata minnu legalment.*

*L-effetti ċivili taż-żwieġ huma regolati mil-liġi tad-domiċilju.*

*Iż-żwieġ iġib "ipso jure" l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-miżżewġin fil-każ li ż-żwieġ ikun sar f'dawn il-Gżejjer bejn Maltin, u fil-każ li jkun sar anki bejn persuni li ma humiex Maltin imma li jkunu domiċiljati f'dawn il-Gżejjer. F'kull każ ieħor il-preżunzjoni legali tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma titwieledx "ipso jure", jekk ma tkunx ġiet stipulata espressament.*

*Fin-nuqqas ta' kitba taż-żwieġ, l-effetti ċivili taż-żwieġ rigward il-proprjetà bejn il-miżżewġin għandhom jiġu regolati mil-liġi imperanti fil-lok tad-domiċilju matrimonjali.*

*Għaldaqstant, jekk mara hija miżżewġa ma' raġel domiċiljat fl-Ingilterra, l-effetti ċivili taż-żwieġ tagħha, rigward il-proprjetà, huma regolati mil-Married Women's Property Act, 1882". U għalhekk, jekk dik il-mara tikri fond b'kera eċċessiv, l-azzjoni għar-rifużjoni tal-kera żejjed li hija tkun ħallset tmiss lilha u mhux lil żewġha.*

*Din l-azzjoni tmiss lill-mara, u mhux lir-raġel, anki skond il-Liġi Maltija, jekk il-ħaġa tkun dovuta lilha wara s-separazzjoni personali li fiha kellu tort ir-raġel.*

*Skond il-Liġi Ingliża, il-mara ma għandhiex bżonn il-kunsens jew l-assistenza tar-raġel tagħha biex taġixxi; u skond il-Liġi Maltija, hija tista' taġixxi weħedha mhux biss meta żewġha jkun imsiefer, imma anki meta hija legalment separata minnu.*

*Min huwa nkarikat biex jieħu ħsieb tal-proprjetà ta' persuna msiefra, u jdaħħal il-kera ta' dik il-proprjetà, għandu jiġi kunsidrat bħala mandatarju tal-persuna msiefra f'dik l-amministrazzjoni, u bħala tali għandu l-poter jiddefendi lill-persuna msiefra f'kawża fejn*

*tintalab ir-rifużjoni ta' kera eċċessiv li hu jkun daħħal fl-isem tal-persuna msiefra, u huwa persuna leġittima biex jikkontesta dik it-talba.*

*Min iħallas kera iżjed mill-kera ġust għandu, skond il-liġi, id-dritt għar-rifużjoni tal-kera li jkun ħallas żejjed.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress illi l-attriċi kienet kriet minn għand il-konvenut nomine kamra l-Gżira, Manoel Street, numru 94, bil-kera ta' £4 fix-xahar, kera li ħallset mit-12 ta' Novembru 1950 sal-11 ta' Marzu 1952, ammontanti għal £64; peress li b'sentenza tal-Board li jirregola l-Kera tal-5 ta' Marzu 1952 il-kera ta' dina l-kamra ġie ffissat għal £10 fis-sena, u għalhekk l-attriċi ħallset lill-konvenut nomine £50. 13. 4 in eċċess ta' dak li kien dovut; talbet li l-konvenut fl-imsemmija kwalità jiġi kundannat iħallas u jirrifondi lill-attriċi l-imsemmi ammont ta' £50. 13. 4 dovut għall-kawżi fuq espressi. Bl-imgħax legali minn notifika ta' dana l-att, bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni lill-konvenut biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat**;

Illi l-kwistjoni l-aktar importanti sollevata mill-konvenut hija jekk l-azzjoni odjerna tikkompetix lill-attriċi jew lil żewġha. Għal dan l-iskop jeħtieġ li wieħed jeżamina fejn huwa d-domiċilju ta' l-attriċi, għaliex minn dana d-domiċilju jiddependi minn liema liġi għandhom jiġu regolati l-effetti ċivili taż-żwieġ tagħha;

Illi hu prinċipju magħruf li l-mara għandha l-istess domiċilju ta' żewġha, anki f'każ li hija tkun legalment separata minnu (Kollez. XXVII—I—9 u XXIX—II—942);

Illi d-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 1360 Kodiċi Ċivili, kif kostantement interpretata, hija applikabili biss fil-każ ta' żwieġ li jkun sar f'dawn il-Gżejjer bejn Maltin, u fil-każ ta' żwieġ anki bejn persuni mhux Maltin, li però jkunu domiċiljati f'dawn il-Gżejjer (Kollez. XXIX—II—942); bil-konsegwenza li f'kull każ ieħor il-preżunzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti kontemplata fl-artikolu fuq ċitat ma titwieledx

"ipso jure", iżda, biex ikun hemm dina l-komunjoni, jeħtieġ li jkun hemm stipulazzjoni espressa;

Illi mill-provi jirriżulta li d-domiċilju ta' l-attriċi huwa fl-Ingilterra. Difatti ż-żwieġ tagħha, għad li sar Malta, kien ma' raġel Ingliż arrwolat f'riġment tal-Forzi Armati Britanniċi; wara seba' xhur żewġha siefer biex isegwi r-riġment tiegħu, u ma ġiex iżjed Malta. Allura bagħat għall-attriċi l-Ingilterra, fejn hija baqgħet miegħu għal erba' snin; imbagħad, fis-sena 1947, hija talbet u otteniet mill-Qrati Ingliżi sentenza ta' separazzjoni personali a kawża ta' adulterju kommess minn żewġha, u rebħitlu £2. 10. 0 fil-ġimgħa bħala manteniment għaliha u wliedha, li baqgħet tirċevihom sakemm żewġha spiċċa mir-riġment. Ma jidherx li sal-lum żewġ l-attriċi biddel id-domiċilju tiegħu; u konsegwentement anki l-attriċi għandha titqies domiċiljata, bħalu, fl-Ingilterra;

Illi huwa wkoll prinċipju magħruf li fin-nuqqas ta' kitba taż-żwieġ (bħal ma hu l-każ tagħna) l-effetti ċivili taż-żwieġ rigward il-proprjetà bejn il-miżżewġin għandhom jiġu regolati mil-liġi imperanti fil-lok tad-domiċilju matrimonjali (ara sentenza ċitata Kollez. XXIX—II—942); u peress li, fil-każ ta' l-attriċi, id-domiċilju tagħha hu fl-Ingilterra, dawk l-effetti għandhom jiġu regolati mil-liġi Ingliża, jiġifieri mill-Married Women's Property Act, 1882, li daħal in vigore fl-1 ta' Jannar 1883 (sez. 23), u jiddisponi:— "A married woman shall, in accordance with the provisions of this Act, be capable of acquiring, holding and disposing, by will or otherwise, of any real or personal property as her separate property, in the same manner as if she were a 'femme sole', without the intervention of any trustee" (sez. 1 (1)); u aktar 'il quddiem:— "A married woman shall be capable of entering into and rendering herself liable in respect of, and to the extent of, her separate property, on any contract, and of suing and being sued, either in contract, or in tort, or otherwise, in all respects, as if she were a 'femme sole', and her husband need not be joined with her as plaintiff or defendant, or be made a party to any action or other legal proceedings brought by or taken against her" (sez. 1 (2)); u fl-aħħarnett:— "Every woman who marries after the commencement of this Act shall be entitled to have and to hold

as her separate property, and to dispose in the manner aforesaid, all real and personal property which shall belong to her at the time of marriage, or shall be acquired by a devolve upon her after marriage" (sez., 2). Liema Att Imperjali ġie applikat anki fil-każ fuq riferit;

Illi ġie pruvat li ż-żwieġ ta' l-attriċi sar disa' snin ilu, u hija kriet il-fond in kwistjoni fit-12 ta' Novembru 1950, jiġifieri wara li nfirdet minn żewġha, bil-konsegwenza li l-azzjoni għar-rifużjoni tal-kera eċċessiv minnha mħallas tikkompeti lill-attriċi;

Ikkunsidrat;

Illi jekk anki kellha tkun applikabili l-Liġi Maltija, il-konklużjoni tibqa' l-istess; għaliex si tratta ta' ħaġa dovuta lill-mara miżżewġa wara s-separazzjoni personali li fiha t-tort kien tar-raġel (Kollez. III, 461 e X, 827); u f'każ ta' adulterju, il-benakkwist tal-mara bla ħtija ma jieħux minnu r-raġel kolpevoli (art. 56 Kodiċi Ċivili);

Għalhekk l-azzjoni tmiss lill-attriċi, u tinsab proposta regolarment;

Dwar, imbagħad, jekk l-attriċi tistax toqgħod fil-kawża mingħajr l-assistenza jew il-kunsens tar-raġel żewġha, il-Qorti hija tal-fehma li dina l-eċċezzjoni hija anki mingħajr bażi. Difatti, skond il-liġi Ingliża, il-mara, biex taġixxi, ma għandhiex bżonn ta' żewġha; u anki skond il-liġi tagħna, hija tista' taġixxi weħedha, mhux biss għax żewġha msiefer, iżda wkoll għaliex hija tinsab legalment separata minnu (art. 784 (a) Proċedura Ċivili);

Rigward, fl-aħħarnett, l-eċċezzjoni li l-konvenut mhux persuna leġittima biex jirrappreżenta lill-imsiefer Victor Brincat, ħuh, f'din il-kawża, il-Qorti tosserva li anki dina l-eċċezzjoni mhix fondata; għaliex il-konvenut huwa, fit-termini talliġi, mandatarju ta' ħuh. Difatti, skond l-art. 1959 (Kodiċi Ċivili), "il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa tagħha. Issa rriżulta li l-konvenut ġie inkarigat jieħu ħsieb talpostijiet, fosthom dak in kwistjoni, li minnhom ħuh Victor għandu porzjon indiviż; u dan sal-punt li, meta l-mara ta' dan Victor kitbet lill-attriċi biex il-kera tagħtih lil ħuha, il-konvenut insisfa biex il-kera tħallsu lilu; u hekk sar, kif ji-

dher mir-riċevuti eżibiti. Dan hu biżżejjed biex il-konvenut jiġi kunsidrat mandatarju ta' ħuh, u bħala tali għandu l-poter li jiddefendih f'kawża li għandha x'taqsam ma' l-oġġett tal-mandat (art. 1967 § 2 Kodiċi Ċivili). Difatti ma hemmx dubju li r-rifużjoni ta' eċċess ta' kera, oġġett ta' dina l-kawża, tidħol fil-mandat lilu konferit li jdaħħal l-istess kera. Del resto, il-konvenut ma pprotestax fil-proċedura quddiem il-Board tal-Kera li ma kienx mandatarju ta' ħuh (kif ġie mħarrek), anzi, skond il-verbal fuq riferit tas-27 ta' Ġunju 1952, hu ammetta li fil-kors ta' dawk il-proċeduri huwa kien mandatarju ta' ħuh; u jekk hu hekk, l-attriċi tista' taġixxi kontra tiegħu, peress li d-dritt għall-imsemmija rifużjoni jidderiva preċiżament mill-fatt li, bis-sentenza tal-Board, il-kera ġust ġie iffissat ankas mill-kera miftiehem u mħallas mill-attriċi;

Fil-meritu, il-konvenut ma qanqal ebda kontestazzjoni, la dwar id-dritt tar-rifużjoni u lanqas dwar is-somma rifondibili; u ma hemmx dubju li, ladarba l-attriċi ħallset iżjed mill-kera ġust, għandha skond il-liġi d-dritt għar-rifużjoni mitluba;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet kollha opposti mill-konvenut nomine, u konsegwentement;

Tilqa' d-domanda ta' l-attriċi; bl-ispejjeż.